BIRGU
Citta` Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** – Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e.mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

---

## Minuti tal-laqgħa 35 (06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' għal laqgħa numru 35 (06) nhar it-Tlieta, 15 ta' Lulju, 2014 fil-4.30 (fl-erbgha u nofs) ta' wara nofsinhar fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill fil-Berġa ta' Franza.

L-Erbgha u Tletin (35) Laqgha tas-Sitt Kunsill inzammet b'din l-Agenda:-

1. Qari u Approvazzjoni tal-minuti
2. Korrispondenza
3. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
4. Approvazzjoni ta' impjieg ta' skrivan/a fuq bazi part time mal-Kunsill Lokali
5. Jum il-Birgu 2014
6. Birgu Fest 2014
7. Hwejjeg Ohra

### Prezenti

Is-Sindku s-Sur John Boxall, il-Vici Sindku is-Sur Trevor Mizzi, il-Kunsilliera s-Sur Anton Gellel, is-Sur Lawrence Attard, u is-Sur Alan Cassar..

Is-Sinjura Fiona Said, Segretarju Ezekuttiv.

### Talba

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ta bidu għal-laqgħa.

### Bidu tal-Laqgha

1. <u>Qari u Approvazzjoni tal-Minuti</u>

1.1 Is-Sindku is-Sur John Boxall ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-minuti tal-Laqgha Numru 35(06).

1.1.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall tkellem dwar materja numru 1.1.4 fejn staqsa dwar il-preparamenti ghall-Jum il-Birgu 2014. Il-Kunsillier is-Sur Alan Cassar spjega li ghaddejin il-preparamenti rigward il-filming fejn qed isiru l-kuntatti mehtiegau r-ricerki li hemm bzonn. Rigward l-attivita’ ghall-anzjani, il-kunsillier Lawrence Attard spjega li qed jahdem fuqha. Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsillier Anton Gellel biex jiehu hsieb li jsiru r-ritratti fuq il-canvas.

1.1.2 Rigward materja numru 2.1, is-Sindku s-Sur John Boxall informa lil Kunsill li x-xoghol fil-front office tal-Kunsill ser jibda fil-25 ta’ Lulju 2014.

1.1.3 Rigward materja numru 2.2, is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-kunsilliera li intaghzlu 4 mil-haddiema tal-ETC sabiex jippartecipaw f’din l-iskema.

1.1.4 Rigward materja numru 2.3, is-Sindku s-Sur John Boxall staqsa lill-Kunsillier Lawrence Attard dwar is-sitwazzjoni tad-Day Centre ghall-anzjani fejn il-kunsillier Lawrence Attard qal li fadal huwa li ssir dikjarazzjoni minghand l-Arcipriet fejn jiddikjara li qed joffri il-post u li mhux f’pozizzjoni li johrog flus biex jigi rrangat dan il-fond. Is-Sindku s-Sur John Boxall qal li hemm bzonn isir laqgha mad-Direttur biex il-Kunsill jivverifika kif ser ikunu allokati dawn il-fondi ghal dan il-progett. Il-kunsillier is-Sur Alan Cassar ippropona li wara ghandu jinhareg tender sabiex isiru x-xoghlijiet. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

1.1.5 Rigward materja 2.4, is-Sindku s-Sur John Boxall informa lil Kunsill li s-Sur Ray Vella offra li jaghti donazzjoni ta’ €300 fix-xahar fejn dwar dan ghandu jsir forma ta’ ftehim dwar l-uzu ta’ zewgt ikmamar f’ Couvre Porte. Il-Kunsill qabel li dawl u l-ilma kkunsmati ghandhom jithalsu mis-Sur Ray Vella.

1.1.6 Rigward materja numru 7, is-Sindku s-Sur John Boxall spjega li l-meeting bejn iz-zewg periti fuq is-sit ghadu ma sarx u ghaldaqstant il-Kunsill qabel li ghandu jkelem il-perit u jikkonferma ghalxiex din il-laqgha ma saritx minhabba li z-zmien ghaddej.

1.1.7 Rigward it-trasferiment tal-Ufficcju tas-Segretarju Ezekuttiv ghal fejn illum hemm il-Berga tat-tabib, il-kunsill propona l-ispiza ta' €4000. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.2 Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal- Laqgha Numru 34 (6). Il-Kunsill approva unanimament.

2. <u>Korrispondenza</u>

2.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korripondenza minghand l-Assocjazzjoni tal-Gvern Lokali dwar il-ftuh tal-Ufficini nhar ta' Sibt. Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona li l-Ufficcju ghandu jibqa miftuh nhar ta' Sibt. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.2 Is-Sindku s-Sur John Boxall ipprezenta invit ghall-programm tar-Relikwa ta' San Lawrenz. Il-kunsilliera kkonfermaw li jistghu jattendu.

2.3 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korrispondenza minghand is-Sur Pio Farrugia mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-iskema tal-PPP fejn il-Kunsill ghandu commitment finanzjarju ta' €51112.55. Is-Sindku s-Sur John Boxall propona li jinzamm commitment finanzjarju ghall-Triq il-Mina l-Kbira biex isir bit-tarmac u ppropona li dwar dan ghandha ssir laqgha mas-Sur Farrugia.

2.4 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korrispondenza minghand Puttinu Cares fejn urew ix-xewqa li jippartecipaw fil-Birgufest 2014. Il-Kunsill qabel li bhas-snin precedenti ghandhom jippartecipaw.

2.5 Is-Sindku is-Sur John Boxall ressaq korripondenza minghand sid il-Wine Bar li hemm fi Triq il-Papa Alessandru. Is-Sindku s-Sur John Boxall qal li l-Kunsill qed jircievi diversi ilmenti dwar storbju u mwejjed barra. Huwa propona li ssir bollard u b'hekk tkun tista tissolva l-problema ta' ostaklu. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jinforma lis-Sid li fis-7.00pm ghandhom jitnehhew l-imwejjed.

2.6 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korrispondenza minghand id-Dipartiment dwar Gemellagg ma' Beyoglu f'Istanbul mal-bliet tal-Cottonera. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jippartecipa f'dan il-gemellagg.

2.7 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq kwotazzjoni minghand is-Sur Joseph Galea ghall-antiporta tal-hgieg fl-ufficcju l-gdid tas-Segretarju Ezekuttiv ghall-prezz ta' €690. Il-Kunsill approva unanimament.

3. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji

3.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq ghall-Approvazzjoni tal-Kunsill l-iskeda ta' Pagamenti datata mit-25 ta' Gunju 2014 sa 15 ta' Lulju 2014.

3.2 Rigward cekk Numru 2031 tas-Sur Amabile Galea, il-Kunsillier Anton Gellel staqsa jekk dan il-kont huwiex ser jigi rifondut minghand min kellu l-accident u dahal gol-grada. Is-Sindku s-Sur John Boxall wiegeb li dan il-kont ser jghaddi ghand l-insurance tal-vettura kkoncernata sabiex il-kont tal-hsarat jigu rifonduti lill-Kunsill Lokali.

3.3 Is-Sindku S-Sur John Boxall stieden lis-Segretarju Ezekuttiv is-Sinjura Fiona Said sabiex taghti informazzjoni dwar l-iskeda ta' Pagamenti u s-Sitwazzjoni Finanzjarja.

3.4 Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sinjura Fiona Said spjegat li minhabba li hemm ammont kbir ta' kredituri li jmorru lura fis-snin, f'din l-iskeda, permezz tal-allokazzjoni finanzjarja thallsu ammont ta' kredituri u s-sitwazzjoni finanzjarja issa bdiet titjieb u tmur ghall-ahjar.

3.5 Wara l-informazzjoni li inghatat mis-Segretarju Ezekuttiv dwar l-iskeda ta' Pagamenti, il-Kunsill approva b'mod unanimu l-iSkeda ta' Pagamenti datata 25 ta' Gunju 2014 sa 15 ta' Lulju 2014.

4. Approvazzjoni ta' impjieg ta' skrivan/a fuq bazi part time mal-Kunsill Lokali.

4.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall spjega li wara li harget is-sejha ghal-skrivan fuq bazi *part time* mal-Kunsill Lokali Birgu b'mod intern, il-Kunsill ircieva applikazzjoni wahda minghand is-Sinjura Moira Azzopardi mill-Kunsill Lokali taz-Zurrieq li hadmet mal-Kunsill Lokali Birgu ghall- 4 snin. Il-Kunsill approva unanimament li s-Sinjura Moira Azzopardi tigi impjegata mal-Kunsill Lokali Birgu bhala skrivana fuq bazi *part time.*

5. Jum il-Birgu 2014

5.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall fetah id-diskussjoni billi spjega dwar il-programm ghall-Jum il-Birgu 2014, fejn parti mill-programm ser ikun ix-*short film* li qed jinhadem fuq il-Birgu li qeghdin jiehdu hsiebu il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi u l-Kunsillier is-Sur Alan Cassar.

5.2 Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona li l-Kunsill ghandu jistieden lill-Banda tal-Pulizija sabiex taghmel programm ghall-attivita.

5.3 Is-Sindku s-Sur John Boxall tkellem ukoll dwar Gieh Jum il-Birgu 2014, fejn ippropona li dan ghandu jinghata lis-Sinjura Miriam Gauci. Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel ippropona li dan il-premju jista jinghata ukoll lill-Fr John Avellino. Il-Kunsill qabel li din id-decizjoni ghandha tittiehed fil-Laqgha tal-Kunsill li jmiss.

6. <u>Birgufest 2014</u>

6.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall fetah id-diskussjoni billi qal li qed iddur ix-xniegha fost ir-residenti li din l-attivita mhijiex ser issir. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li ghandha tintbaghat mailshot lir-residenti kollha fejn ninfurmawhom li l-Attivita tal-Birgufest 2014 ser issir bejn l-10 u it-12 ta’ Ottubru 2014.

6.2 Is-Sindku s-Sur John Boxall issugerixxa li ssir laqgha mal-periti tat-toroq sabiex jigi il-Kunsill ikun f’pozizzjoni li jiddeciedi kif l-ahjar li jsiru l-attivitajiet fit-toroq ghal Birgufest 2014.

6.3 Is-Sindku s-Sur John Boxall issugerixxa ukoll li ghandha issir laqgha sabiex il-Kunsill jiddeciedi dwar in-nies li ser jiffurmaw il-Kumitat tal-Birgufest 2014. Il-Kunsill qabel.

7. <u>Hwejjeg Ohra</u>

7.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li hemm bzonn isir railing fi Triq il-Majjistral. Dan ir-railing irid ikun doppju. Hemm bzonn ukoll railing fi Triq il-Kunvent kif ukoll railing zghir tal-Hawli fejn No. 1.

7.2 Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona li jsiru uplighters mal-Knisja Santa Skolastika. Il-Kunsill approva fil-principju.

7.3 Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi ippropona li jsiru sinjali jew stop sign mal-Knisja Santa Skolastika minhabba li hija perikoluza hafna.

7.4 Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel ippropona li ghalissa sakemm jinghalaq fejn hemm l-imwejjed fil-pjazza, ghandhom jitpoggew qsari bhala prova.

7.5 Is-Sindku s-Sur John Boxall informal lill-Kunsill li kien gie mghajjat diversi drabi mill-pulizija rigward il-permessi tal-imwejjed. Il-Kunsill qabel li m'ghandux jitlob iktar il-permessi ghall-imwejjed izda ghandu jkun responsabbli ghalihom sid il-hanut.

Il-laqgħa spiccat fis-7.30 ta' filghaxija.

John Boxall
Sindku

Fiona Said
Segretarju Ezekuttiv